# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 24 ta' Novembru 2017**

**Numru 19**

**Rikors numru 406/05 LSO**

**Frederick Sammut**
**Alison Sammut**

**v.**

**Direttur tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili; u James Newell**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni ta' Frederick u Alison konjugi Sammut pprezentata fit-28 ta' April, 2005, li permezz taghha kien premess:

> "Illi l-attur Fredrick Sammut huwa mpjegat fi hdan id-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili;
>
> "Illi f'incident li sehh fil-15 ta' Mejju 2002, u cioe` meta l-attur kien waqt il-hin tax-xoghol u matul il-qadi tad-doveri tieghu, l-attur Fredrick Sammut, sofra danni fuq il-persuna tieghu li b'konsegwenza taghhom

sofra debilita permanenti li giet stabbilita minn espert ortopediku Mr. Grixti fil-percentwali ta' tmintax fil-mija (18%);

“Illi ghall-istess incident u danni konsegwenzjali huma unikament responsabbli l-konvenuti, minhabba li naqsu li jiehdu dawk il-prekawzjonijiet necessarji li setghu evitaw l-incident in kwistjoni; u

“Illi ghalkemm interpellati sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti minn l-attur, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

“Jghidu ghalhekk il-konvenuti jew min minnhom ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma' ghandhiex:-

“1. Tiddikjara lill-konvenuti jew minn minnhom unikament responsabbli ghall-incident li sehh fil-15 ta' Mejju 2002, waqt il-hin tax-xoghol, f’liema incident l-attur sofra danni fuq il-persuna tieghu;

“2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b’konsegwenza tal-imsemmi incident, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

“3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.

“Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittri ufficjali mibghuta, bl-imghax legali u b’hekk il-konvenuti minn issa jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tad-Direttur tad-Dipartiment ghall-Protezzjoni Civili u James Newell datata 9 ta’ Gunju, 2005, fejn kien espost is-segwenti:

“1. Illi preliminarjament ic-citazzjoni ma gietx notifikata lill-Avukat Generali kif tirrikjedi l-ligi fl-Art. 181B(3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u ghalhekk ai termini ta' dan l-istess artikolu z-zmien ghall-prezentata tal-eccezzjonijiet da parti tal-eccipjenti ma jibdiex jiddekorri qabel dik in-notifika.

“2. Illi l-allegazzjoni tal-atturi fil-konfront taghhom dwar responsabbilta' ghall-incident u d-danni allegatament sofferti mill-attur Fredrick Sammut hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi dan tal-ahhar huwa unikament responsabbli ghall-incident de quo.

“3. Illi huma ma ghandhomx ibatu spejjez.

“4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-3 ta' Ottubru, 2013, li permezz taghha u ghar-ragunijiet hemm imsemmija, qatghet u ddecidiet il-kawza, billi filwaqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, cahdet il-bqija tal-eccezzjonijiet u laqghet it-talbiet attrici billi: (1) Iddikjarat lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili unikament responsabbli ghall-incident soffert mill-attur; (2) Illikwidat d-danni sofferti mill-attur b'rizultat tal-incident imsemmi, fl-ammont ta' €112,098.76; (3) Ikkundannat lill-istess Direttur tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili jhallas lill-attur din is-somma hekk likwidata ta' €112,098.76, bl-imghax mid-data tas-sentenza. Bl-ispejjez kollha jithallsu mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili.

Dik il-Qorti waslet ghal dik il-konkluzjoni wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Din hija kawza li tirrigwarda korriment li sehh fuq il-post tax-xoghol fil-kors tal-impieg tal-attur mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili fil-15 ta' Mejju 2002. L-attur sofra danni ingenti kif ukoll debilita' permanenti konsegwenza ta' dan l-incident.
>
> "Illi kontra din it-talba l-konvenuti eccipew in-nuqqas tan-notifika tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 181B(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk iz-zmien ghall-prezentata tan-nota tal-eccezzjonijiet ma jibdiex jiddekorri qabel dik in-notifika, kif ukoll li l-uniku responsabbli ghall-incident kien l-istess attur Fredrick Sammut.
>
> "L-incident sehh waqt ezercizzju ta' training bil-hbula (*abseiling*) mit-*team* tad-Dipartiment ghall-Protezzjoni Civili stazzjonat il-Furjana mmexxi mill-konvenut James Newell li kien l-*istation officer in charge* tal-istazzjon. Dan sehh fis-sur maghruf bhala *NotreDame Ditch*. L-ezercizzju kien intiz biex il-membri jaghmlu tahrig fuq apparat gdid (apparat imsejjah STOP). Dan l-apparat kien mahsub sabiex ihalli lir-

"*rescue officers*" jinzlu bil-hbula waqt operazzjoni ta' salvatagg minghajr il-htiega li juzaw idejhom biex izommu l-hbula. Basikament il-mekkanizmu, jekk jinghafas, ihalli lill persuna tinzel mal-hbula u malli tigi rilaxxjata, l-ISTOP izomm in-nizla.

"Il-fatti dwar id-dinamika tal-incident m'humiex ikkontestati. L-apparat STOP kien gie ntrodott proprju f'dak l-ezercizzju u Anthony Micallef, kien l-ewwel membru tat-tim li uza dan l-apparat, u nizel bih minghajr problema. Imbaghad dan l-apparat gie armat mal-habel tal-attur izda meta ntelaq biex jinzel mas-sur, baqa' niezel sal-qiegh. Waqa' gholi ta' tliet sulari u wegga' dahru gravament u kellu jittiehed l-Isptar.

"Provi Prodotti

"Xehed Fredrick Sammut[1] u spjega li kien addett fl-istazzjoni tad-Dipartiment il-Furjana. Dakinhar tal-incident, hu kien dahal l-istazzjon il-Furjana wara li qeda' inkarigu li kien inghata lilu f' Hal Far, u nduna li kien qed isir tahrig tal-hbula fuq is-sur ta' wara l-kwartieri tal-*mobile squad* tal-Pulizija maghruf bhala *Notredame Ditch*. Dan hu gholi madwar tlett sulari.

"Hu spjega wkoll li kellu apparat baziku personali li kienet tieghu peress li dan l-apparat, maghtuf bhala *figure of eight* u *carabiner* tant hu delikat li anke b'waqa' jista' jinkiser. Ghalhekk, u peress li l-apparat tad-Dipartiment jintuza kemm ghat-tahrig kif ukoll ghas-salvatagg reali, u ma kienx hemm bizzejjed apparat ghal kull membru, hu xtara tieghu u kien juzah hu biss.

"Hu avza lil-leading officer u mar hdejn shabu. Hemmhekk sab li l-hbula kienu ghadhom armati u ankrati ma' tlett sigriet. Ma dawn il-hbula kien hemm wiehed ghal inzul (tal-lemin meta wiehed ihares minn fuq) u wiehed biex titla' lura mieghu (tax-xellug). Hu gie mgharraf li James Newell kien gab apparat gdid li jismu STOP u l-istess Newell qallu li dan l-apparat jintuza biex ikollok aktar kontroll tal-inzul milli bl-apparat tas-soltu (jigifieri *figure of eight* u *carabiner*).

"L-attur libes il-*harness* u mar hdejn Newell li kien ghadda l-habel minn gol-iSTOP (l-apparat il-gdid), qabbad l-iSTOP mal-*carabiner* li kienet milbusa mal-*harness* u resaq sax-xifer.

"Hu qal hekk "*B'idi il-leminija ghafast il-lever tal-iSTOP u bdejt miexi b'lura sa kwazi hdejn ix-xifer tas-swar. Hallejt il- lever biex niehu posizzjoni....Ergajt hadt posizzjoni, din id-darba b'idi xellugija zammejt il-habel quddiemi u bil-leminija zammejt l-iSTOP minn taht...Intlaqt lura biex il-habel jistira izda ghal xi raguni l-iSTOP ma zammitx u bqajt niezel ghal isfel b'tisbita*". Ipprova jaqbad il-habel ta' quddiemu izda ma rnexxielux u baqa' niezel sa qiegh il-foss catt fuq dahru.

[1] Affidavit a fol.16 tal-process.

"Hu qal li ma kien hemm xejn biex izzomm il-waqa'. Qal li facilment setghet giet evitata jew minimizzata li kieku saru l-proceduri necessarji bhal uzu ta ' *safety line* jew uzu ta' *shunt* li hu apparat li jipprevedi waqa'. Sa dakinhar tal-waqa' dan l-apparat (shunt kien ghadu ma giex introdott). Kellu helmet go rasu li skont ix-xhud kien vitali biex rasu giet protetta. Ittiehed l-Isptar fejn sabu li kull wiehed mill-irkiekel ta' daru kien imxaqqaq.

"L-ispecjalista Charles Grixti iccertifikah b'18% dizabbilta' permanenti aparti li kien ordnat ma jqandilx u jaghmel xoghol ta' strapazz.

"Xehed Joseph Bonnici[2] mid-Dipartiment u esebixxa il-P3 tal-attur ghas-sena 2002 li juri li qala' paga ta' Lm4,854 piu' Lm1,066.57 f'allowances u Lm542.79 overtime, b'kollox Lm6,463.36 gross. Qal li minhabba l-korriment, l-attur tilef l-overtime li kien haga regolari kemm fil-weekends kif ukoll anke matul il-gimgha ghaliex kull darba li jidhlu ghal 24 siegha, l-impjegati bhall-attur ikollhom saghtejn u nofs overtime.

"Meta rega' xehed fil-25 ta' Mejju 2006 qal li l-average overtime allowance tal-grad tal-attur fis-sena tal-incident kien ta' Lm892 filwaqt li l-attur ha Lm542 jigifieri Lm350 inqas. L-average allowance tal-grad tal-attur kien Lm1232 filwaqt li l-attur ircieva Lm1,066.(DOK JB1)[3]

"Xehdu diversi membri tar-Rescue team, cioe` Jeffrey Galea[4], Timothy Willie[5], Alex Scicluna[6] u Anthony Micallef[7]. Irrizulta mix-xhieda ta' membri tal-korp li kienu prezenti waqt l-incident li bhala procedura, izommu l-apparat fil-vettura taghhom. Dan jinkludi *carabiners* u *figures of eight*. Kollha qablu li ma kienx hemm bizzejjed ghal kull membru tat-tim, kif gie kkonfermat minn James Newell, li kien *in charge*. Dakinhar kien hemm xi 6 membri li kienu qed jiehdu parti fl-ezercizzju izda skont Newell, l-istazzjoni tieghu kellu biss zewg settijiet ta' *absailing kits* a dispozizzjoni, u dawn jintuzaw minn kull membru.

"Jirrizulta wkoll li kemm il-*figures of eight* kif ukoll il-*carabiners,* tant huma delikati, li jekk jaqghu, l-ufficjali ghandhom jaghmlu rapport immedjatament u jigu skartati peress li ma jibqghux tajbin ghall-uzu. Jigu storjati fil-foam ghaliex jekk jahbtu ma xulxin jistghu jigu danneggjati.

"Jirrizulta mix-xhieda taghhom ukoll li jaghmlu nventarju tal-apparat li jinzamm fil-vettura taghhom u jekk jinsab apparat nieqes, dan jigi rapportat fi ktieb.

---

[2] Xhieda a fol.44 tal-process

[3] Esebit a fol. 74 tal-process.

[4] Xhieda a fol. 47 tal-process.

[5]Xhieda a fol.55 tal-process.

[6] Xhieda a fol.76 tal-process.

[7] Seduta tad-19 ta' Ottubru 2006 a fol. 102 et seq.

“Minn dawn ix-xhieda johrogu s-segwenti fatti li m’humiex ikkontrastati:
“a) *Safety lines* u/jew *shunts* ma intuzawx dikinhar. Is-*safety line* ma kienx fil-vettura.

“b) L-apparat STOP kien ser jigi ppruvat ghall-ewwel darba f'dak l-ezercizzju.

“c) Li l-apparat STOP ma kienx parti mill-kit baziku taghhom imma kien ingieb *on site* minn James Newell u sa dak il-mument kien fil-pussess tieghu.

“d) Li James Newell kien kellimhom dwar kif kellu jintuza dan l-apparat li anke kellu diagramma fuqu. Madanakollu ma jirrizulta minn imkien li Sammut, li wasal tard, kien fost il-grupp meta sar dan id-diskors ghaliex meta wasal, l-ezercizzju kien gja beda.

“e) Li kien James Newell li ghamel ir-rigging tal-ISTOP.

“f) Li wara l-akkadut dan l-apparat qatt ma gie provvdut lilhom.

“g) Li kien Anthony Micallef li pprova l-apparat STOP ghall-ewwel darba, u b'success, imbaghad warajh, l-attur.

“h) Ma kienx hemm kors ta' tahrig fuq l-ISTOP qabel l-incident. Skont Alex Scicluna fuq il-karabini u l-*figure of eights'*, kienu ghamlu kors ta tahrig ghal gimgha.

“Timothy Willie qal li hu u tiela' bl-*ascender*, Sammut kien nizel. Ra lill-Sammut niezel bi *speed* eccessiv u sema il-hoss li jaghmel il-friction mal-habel, u f'daqqa wahda ra lill-attur isfel, mugugh. Ikkonferma li James Newell kien responsabbli ghat-*team* dikinhar.

“Xehed ukoll li ma kienx hemm *'safety line'* li jservi biex ikun *standb*y f'kaz ta' incident. Lanqas *shunt* ma ntuza li ghandu l-istess skop ta’ *safety line* izda dak iz-zmien lanqas kellhom *shunts*. Is-*safety line* ma kinetx fil-vettura. Kien jaghmlu tahrig ta' *abseiling* xi tliet darbiet f'sena. Qabel l-incident ma kienux juzaw *'safety line'* u kienu jinzlu *b'harness, figure of eight*. Imma wara dahlet fis-sehh. B'habel wiehed, jekk titlaq idejk tibqa' niezel.

“Xehed Mr. Charles Grixti, *consultant orthopaedic surgeon*,[8] li kkonferma li ra lill-attur u kkonferma l-kontenut tac-certifikat minnu rilaxxjat datat is-6 ta' Dicembru 2002[9] fejn sablu rata ta' dizabbilta' permanenti ta' 18%. Sab li l-attur kellu ksur ta' l-ewwel rukkel lumbari li kien mghaffeg u tilef 10% mill-gholi tieghu. L-ewwel darba li rah kien fid-29 ta' Lulju 2002 u l-injuries huma kompatibbli mal-waqa' li kellu.

---

[8] Xhieda fis-seduta tal-21 ta' April 2006 a fol. 67 tal-process.
[9] Dok EG a fol. 66 tal-process.

“Ta' importanza hija x-xhieda ta' James Newell[10], l-*istation officer* responsabbli ghall-istazzjon tal-Furjana. Kien hu li ghazel is-sit tal-ezercizzju, li skont hu, ghazlu ghaliex kien iktar baxx (tliet sulari) mill-postijiet fejn is-soltu jitharrgu (normalment bejn tmienja u disa' sulari) kif ukoll peress li kien hemm munzell haxix fil-qiegh tas-sur, kien jaghti *soft landing*. Jekk bniedem jinzel hazin forsi jilwi saqajh ghaliex il-haxix jilqa' ghall-impatt."

“Hu xehed li hu ma kienx kwalifikat personalment, f'dak li hu *abseiling* ma kellux. Qal li l-attur ma kellux esperjenza f'dan l-apparat. Qal li spjega lin-nies prezenti kif jintuza l-apparat. L-ewwel nizel Anthony Micallef u rega' tela. Spjega li tinzel ma' habel u titla' ma iehor b'*ascender* li hu apparat differenti. L-ISTOP kien mal-habel li tinsel mieghu. Kienet l-ewwel darba ghall-membri kollha li kienu qed juzaw l-apparat.

“L-attur gie biex jinzel wara Micallef. Ix-xhud spjegalu kif jintuza l-apparat, "*armajtihielu, rajna li qed tiffunzjona etc, u waqt li Fredrick se jibda niezel, ghal xi raguni li sal-gurnata tallum ma nafx x'inhi, Fredrick baqa' niezel*."

“Hu spjega li xoghlu bhala *station officer* hu li jara li lill-haddiema taghhom ituhom forma ta' *training* relatat max-xoghol taghhom. Kien ghamel arrangamenti biex ikollhom *'two full abseiling kits'* ghal kull *shift*, minnflok wiehed ghall-tliet xiftijiet. Dan il-'*kit'* jikkonsisti fi hbula, *carabiners*, - l-apparat mehtieg biex wiehed jiddendel.

“Hu kien soddisfatt bhala l-persuna responsabbli dakinhar tal-incident li kellu l-*equipment* li xtaq hu. Qatt ma kienet il-procedura li juzaw *'safety lines'* - dejjem kienet il-procedura li jaraw li bniedem hu armat sew bil-*harnesses* etc."

"Li kieku kien hemm *'safety line'* probabbilment l-incident kien jigi evitat" ghaliex jekk taqa' jekk ma jzommokx l-ewwel habel izommok l-ehor. L-istess jekk jintuza *shunt* li jista' jintuza ma’ kull tip ta' apparat inkluz l-ISTOP. Id-Dipartiment ma fornihomx b"*shunt*'. Kull ma kellhom kien l-ISTOP. Id-Dipartiment ma ntroduciex l-iSTOP wara l-incident. Ma kienetx procedura li juzaw *'safety line'* kemm-il darba ghamlu training u hu qatt ma talab dawn is-“*safety lines*. "

“Ikkonferma li hu u n-nies tieghu rama' l-hbula qabel ma nizel l-attur u ccekkjawhom darba, tnejn, tlieta. Qal li kollox kien armat kif suppost ghaliex kieku ma kienx jiehu cans.

“In Kontro Ezami qal li kien iccekkja li l-iSTOP li intuza fl-incident kien gdid u kellu dokumenti mieghu.

[10] Seduta tat-22 ta' Gunju 2006 a fol 88 tal-process.

“Hu qal li l-iSTOP baqa’ ghandu u juzah hu waqt it-*training* forsi xi 4 jew 5 darbiet u qatt ma kellu problema bih. Madanakollu dan l-apparat ma gie ccekkjat minn hadd.

“Xehed ukoll li Anthony Micallef nizel bl-apparat u tela minn habel iehor, waqt li kif tela' tella' l-apparat mieghu li kien ser juzah l-attur. *Inoltre*:

"Mistoqsija: *Jekk kont taf li seta' jigi evitat, jekk kont taf li kieku kellek mezzi ohra ta' 'safety' jekk kien ikun hemm incidenti seta jigi evitat, ghalfejn ipprocedejt bit-training dik in-nhar minghajr ma ghidt....."*

“R: *Ghax dejjem hekk kienet is-sistema li naghmlu training," u hadd mis-superjuri tieghu ma gibdulu l-attenzjoni biex jaghmlu it-tahrig mod iehor*."

“Qal li Micallef kien mal-SAG qabel ma dahal maghhom u xoghol ta' '*abseiling*' kienu isiru mill-SAG. Micallef kellu iktar esperjenza fuq *abseiling*.

“L-attur jafu bhala bniedem *reliable hafna*.

“Rega’ xehed fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 1996, fejn qal li l-apparat partikolari STOP kien uzah hu personalment xi darbtejn qabel biex jippruvah. Hu li haseb kien li jekk bniedem jinzel hazin forsi jilwi saqajh ghaliex il-haxix jilqa' ghall-impatt.

“Hu qal li spjega lill-grupp kien jahdem l-ISTOP, kif jghaddi l-habel, raw li l-habel kien mghoddi sew, raw id-*diagram*, spjegalhom kif jahdem meta jinghafas u jigi *released* u li meta wiehed jitilqu jieqaf - "*Basically l-instructions kif jintuza.*" Hu immuntah. L-i*speed* li wiehed jinzel bih hu determinat b'kemm wiehed jaghfas id-*device*- "*jekk taghfsu hafna tinzel hafna*". Hu ma ghamlilhomx *practical demonstration*.

“Hu qal li ha l-apparat minghand Micallef u ramah hu ghall-Sammut.

“Gie esebit DOK EG[11] li hija formola li tintela dwar l-incident ai fini tas-sigurta' socjali fejn hu dikjarat : <u>*Waqt tahrig bil-hbula (abseiling) hekk kif kien niezel mal-habel, harab bih l-apparat....Il-korriment gara minhabba tahrig relatat mal-impieg*</u>." Dan kien l-uniku rapport li sar fuq l-incident.

“Hu qal li minn '*knowledge*' tieghu kien soddisfatt bl-apparat li kellhom *on site* dikinhar. Gieli ghamlu talba (ghal equipment) u ma gietx milqugha mbaaghad "*ikollna nahdmu b'li jkollna xorta. Generalment l-affarijiet jigu determinati skont il-finanzi*".

[11] Fol.114 tal-process

“Il-Qorti qed taghmel riferenza wkoll ghax-xhieda ta’ Anthony Micallef, li kien l-ewwel u l-uniku membru tat-tim li pprova l-apparat b'success (aparti James Newell li qal li ppruvah xi darbtejn jew tlieta qabel). Johrog mix-xhieda tieghu li l-*abseiling* kien proprju xoghol tal-membri tal-SAG filwaqt li dawk li jahdmu mal-attur kienu jisthargu fi ftit okkazzjonijiet matul is-sena. Micallef kien hadem mal-SAG ghal hames snin qabel ma' dahal mad-Dipartiment u kellu esperjenza f'*abseiling* kontrarjament ghall-attur. L-SAG *capabilities* f'din il-materja kienu ghalhekk ferm oghla minn dawk tal-membri tad-Dipartiment.

“RAPPORT TAL-ESPERT MEDIKU

“Il-Qorti nnominat lil Carmel Sciberras, *consultant orthopoedic surgeon* bhala espert mediku li, fir-rapport tieghu pprezentat fit-12 ta' Marzu 2007 u mahluf fir-registru fit-23 ta' April 2007, esebit fl-atti[12], ikkonkluda li "*Meta xi hadd igarrab ksur fl-irkiekel tad-dahar, igarrab ukoll hsara fit-tessuti rotob li jdawwru dawn l-irkiekel. It-tghaffiga tar-rukkell tibqa' hekk. It-tessuti rotob ifiqu bi 'scar tissue'. Din ma tiggebbidtx bhal muskoli u ligament normali u ghalhekk id-dahar jibqa' iebes u kull moviment li jigbed fuq l-iscar tissue' johloq ugiegh fid-dahar*. "Hu sab rata ta' dizabbilta' permanenti ta' 20%.

“<u>L-Ewwel Eccezzjoni</u>

“Ikkonsidrat li l-konvenuti eccipew in-nuqqas tan-notifika tal-Avukat Generali *ai termini* tal-Artikolu 181B(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk iz-zmien ghall-prezentata tan-nota tal-eccezzjonijiet ma jibdiex jiddekorri qabel dik in-notifika.

“Dan is-subartikolu jghid, difatti li t-terminu ghar-risposta mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern ma jibdiex jiddekorri hlief minn meta jkun notifikat l-Avukat Generali. F'dan il-kaz, il-konvenut ghadda biex ressaq l-eccezzjonijiet tieghu u ghalhekk il-mertu ta' din l-eccezzjoni hu ezawrit.

“<u>KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR IR-RESPONSABBILTA`</u>

“Bhala principju generali l-harsien tas-sahha u s-sigurta' fuq ix-xoghol ghandu jitqies ta' interess pubbliku"[13]. Huwa dmir ta' min ihaddem li jipprovdi dik li tissejjah bhala “a safe system of work”, b’dan li huwa obbligu tieghu li jipprovdi mezzi, apparat u ambjent li ma jkunux ta’ perikolu u riskji ghas-sahha u l-hajja tal-istess impjegat - Att biex jippromwovi s-Sahha u s-Sigurta’ fuq il-Post tax-Xoghol - Att Numru VII ta’ l-1994 fl-artikolu 2(2)(a) u (b)[14] li jelenka b’mod generali d-dmirijiet

[12] Fol 128 tal-process

[13] Art. 2(a) tal-Att.VII tal-1994 ripetut fl-art 4(1) ta' l-Att XXVII of 2000 (Kap 424 tal-Ligijiet ta' Malta.Sussegwentement dan l-obbligu kompla jigi regolat bl-Avviz Legali 36 ta’ l-2003 (LS 424.18) u l-Avviz Legali 44 ta' l-2002

[14] Ara per.es. - "John Sultana vs Francis Spiteri et noe” (K. 28 ta’ Mejju 1979); “Emmanuel Grech vs Carmelo sive Charles Farrugia et noe” (A.C. 7 ta' Dicembru 1994); “Keith Caruana vs Joseph Paris et nomine” (P.A. 12 ta’ Frar 1999)

ta' min ihaddem. Ukoll "*Huwa dmir ta' kull min jahdem fuq post tax-xoghol li jhares is-sahha u s-sigurta' tal-haddiema l*-ohra fl-istess post, kif ukoll tieghu stess" (Art. 2(2) (c) Att. VII tal-1994.)

"L-Avviz Legali 36 ta' l-2003 (LS 424.18) jelenka b'mod generali d-dmirijiet ta' min ihaddem. Per ezempju, fir-Regolament 5 titolat "Dmirijiet Ulterjuri" hu stipulat li :-

*"Minghajr hsara ghall-generalita` tad-dispozizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, min ihaddem ghandu, wara illi jikkunsidra n-natura ta' l-attivitajiet ta' l-impriza u, jew ta' l-istabbiliment:-*

*"(a) jidentifika l-perikli fuq il-post tax-xoghol u ghandu jevita r-riskji ghas-sahha u s-sigurta`;*

*"(b) jevalwa dawk ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta` tal-haddiema illi ma jistghux jigu evitati, u ghandu jikkontrollahom mill-bidu;...."*

"Dak li hu importanti hu, li kif intqal fil-kawza, fl-ismijiet "**John Sultana vs Francis Spiteri et noe**", deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Mejju 1979, "*min ihaddem ghandu d-dover li jara li l-post tax-xoghol ikun dejjem fi stat ragonevoli ta' sikurezza ghal min ikun qed jahdem*."

"Gie ritenut ukoll li *a safe system of work* u *a safe working environment* ifissru li min ihaddem hu obbligat li jassigura li "*l-makkinarju u l-istrutturi provduti minn min jaghti x-xoghol ghandhom jigu regolarment mantenuti u mizmuma hielsa minn difetti u mankanzi* "- "Julie Scicluna pro. et. noe. vs Sammy Meilaq nomine et." (Citazzjoni numru 11/92 DS). *Inoltre*, gie ndikat li min ihaddem ghandu l-obbligu u d-dmir li jara wkoll li l-haddiema tieghu jkunu mistharrga ghat-tip ta' xoghol li jkunu mqabbda jaghmlu.

"Il-hsieb legali fil-materja gie spjegat mill-On. Qorti ta' l-Appell fil-kawza bl-ismijiet "Francis Buhagiar et. v. Segretarju tal-Ufficcju tal-President ta' Malta et". -dec. fid-29 ta' Mejju 2009. Il-Qorti skartat it-tezi li "*tezisti xi forma ta' strict liability, jew responsabbilta' oggettiva li tpoggi lill-imghallem li jaghmel tajjeb - billi jerfa' r-responsabbilta' -tas-sinistru li jkun sehh"*. Kompliet "*Kif tajjeb gie elaborat mill-ewwel Qorti, is-sistema legali taghna dwar responsabbilta` fejn jirrizulta event dannuz hija 'fault-based.' Fi kliem iehor f'kull kaz irid ikun hemm nexus ta' bejn il-kawza u l-effett ghal dak li jkun gara*."

"F'dan il-kaz il-Qorti ta' l-Appell osservat li x-xoghol li l-attur appellant kien gie mqabbad li jaghmel ma kien jinvolvi xejn riskjuz - ma nghatax attrezzi difettuzi u lanqas kien jirrizulta xi forma ta' ness bejn l-event dannuz u r-responsabbilta`` tal-"employer" talli ma pprovdiex "a safe system of work" lill-impjegat tieghu.

"Kif gie ritenut mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kaz fl-ismijiet "Bugeja vs Montanaro Gauci" -deciza 14 ta' Mejju 2004, "*huwa daqstant importanti fil-kuntest ta' responsabbilta` lill-ambjent kollu fejn jahdmu l-impjegati jkun tali li jwarrab l-icken possibilita ta' infortunji fuq ix-xoghol. Dan l-obbligu huwa generalment rikonoxxut bhala dmir tal-employer li jipprovdi "a safe place of work*".

"Hu daqstant minnu izda, li, min ihaddem, hu obbligat ukoll li jipprovdi kontra l-aljenazzjoni tal-attenzjoni, prudenza u ghaqal li jaqghu fiha l-haddiema u li hafna drabi hi ndotta mill-istess natura tal-attivita` industrijali (ara "Grech vs Farrugia", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta' Dicembru, 1994). Hekk ukoll gie ritenut fil-kawza "Borg vs Wells" (deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-9 ta' Settembru 1981) "*In planning a system of work, the employer must take into account the fact that workmen become careless in works involved in their daily work" u "dan tenut kont ta' l-atmosfera tax-xoghol, id-diffikultajiet li jsib il-haddiem fil-kors tax-xoghol tieghu, il-hinijiet twal, l-ghaggla fix-xoghol u nuqqas ta' haddiema ohra li jkunu nkarigati biex jahdmu mieghu*".

"Pero' huwa dejjem l-obbligu tal-haddiem li joqghod attent waqt l-ezekuzzjoni ta' xogholu - ghalhekk min ihaddem m'ghandux ikun tenut li jipprovdi kontra negligenza grassa, ghax anke l-haddiem hu mistenni li joqghod attent u juza d-diligenza fuq il-post tax-xoghol. Il-haddiem ghandu jkun konxju tal-perikoli fuq ix-xoghol, u m'ghandux jaghmel manuvri azzardati li jzidu r-riskju tal-hsara (ara "Sciriha vs O'Flaherty noe", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-5 ta' Mejju, 1994).

"Applikazzjoni tal-Principji ghall-Fatti

"(i) Responsabbilta`

"Qabel xejn, il-Qorti trid taghmel is-segwenti kostatazzjonijiet.

"Fl-ewwel lok, huwa minnu li, kif irrilevat id-difensur talkonvenuti, ma jirrizultax mill-provi li l-apparat gdid STOP kien difettuz. Madanakollu l-Qorti taraha stramba kif dan l-apparat, li ghandu l-iskop li jippermetti lil min ikun imdendel fuq il-hbula jahdem *hands free*, u cioe`, jzomm in-nizla malli l-operatur ihalli l-lever, fil-kaz ta' Sammut, baqa' niezel sal-art b'idejh hielsa tant li pprova jaggranfa mal-habel biex iwaqqaf in-nizla minghajr success. L-attur baqa' niezel ghaliex irrilaxxja l-iSTOP u ta' dan ma hemm ebda spjegazzjoni meta suppost l-iSTOP zammu milli jkompli jinzel. Lanqas James Newell ma seta' jispjega kif waqa' skont kif xehed hu stess. L-uniku rapport[15] li sar li kien ai fini tas-sigurta socjali, jghid hekk: "*Waqt tahrig bil-hbula (abseiling) hekk kif kien niezel mal-habel, harab bih l-apparat*" (sottolinear tal-Qorti.) B'hekk fid-dawl ta' din il-kostatazzjoni, jew hu minnu li l-apparat ma hadimx kif suppost, jew ma giex armat kif suppost, jew l-attur fil-fixkla u paniku tal-mument ma hadmux kif suppost.

[15] Dok EG a fol.114 tal-process

“Rigward l-armar, Newell rama' l-apparat fuq il-habel ta' Sammut. Issa ma kien hemm hadd li seta' jiccekkjah ghaliex hu biss kien jaf presumibbilment kif jopera dan l-apparat. Il-Qorti tuza l-kelma, "presumibbilment" ghaliex la hu kien trenjat fuqu, u wisq inqas il-membri l-ohra tal-ekwipagg li qatt ma missewh qabel. Mela kollox kien ghadu gdid u meta Sammut ha l-ewwel pass fil-vojt, kien ghadu 'novizz’ fl-uzu ta' dan l-apparat, bhal ma kien kulhadd. Newell ammetta li hu ma kellux kwalifiki biex jittrenja dwar l-uzu ta' dan l-apparat izda d-Dipartiment jallokalu din ir-responsabbilta` u hu, bhala mpjegat, kellu jaqdi din il-funzjoni. Certament il-fatt li ppruvah xi darbtejn jew tlieta ma taghmlux espert in materja.

“Inoltre, il-Qorti tara ferm kavalleresk il-mod kif id-Dipartiment ippretenda li ekwipagg shih ta' 6 jew 7 minn nies ser jittrainjaw fuq STOP wiehed meta jirrizulta li l-armaturi ghall *absailing* huma delikati tant li lanqas jissaportu daqqa - *'multo magis'* jekk ghandhom jigu mghoddija minn persuna ghall-ohra waqt ezercizzju, ahseb u ara f'salvatagg attwali.

“Jirrizulta ukoll li: (a) ma sar ebda testjar fuq l-apparat - (Newell ipprovah hu) minn persuna mistharrga. Qaghadu biss fuq il-fatt li kien gdid u fuq il-fabbrika; (b) li kien fil-pussess ta' Newell u allura ma kienx hemm kontroll mid-Dipartiment fejn kien qed jinzamm u b'liema mod kien jinzamm, waqt li ta' min jinnota l-premura ghall-*figures of eight* u *carabiners* li huma storjati fil-foam.

“L-istharrig qasir li allegatament sar qabel l-ezercizzju kien ukoll karenti. Dan kien jikkonsisti biss fi kliem minn Newell, li strah fuq id-diagramma li gie mal-apparat. Ma jirrizultax li kien hemm xi demostrazzjoni fattwali, anke minghajr ma jiddendlu, billi jipprovaw l-apparat kull wiehed minnhom qabel ma jixxatbu fuq is-sur. Inoltre l-Qorti tifhem li Sammut lanqas kien prezenti waqt dan id-diskorsata izda Newell kellmu qabel ma nizel.

“Id-difensur tal-konvenuti tghid li Newell, bhala is-'senior officer', agixxa b'responsabbilta` in kwantu li pprova l-apparat personalment u li anke ghazel post inqas baxx mis-soltu. Rigward l-uzu personali, il-Qorti gja tat il-fehmiet taghha. Rigward il-fatt li s-sur kien iktar baxx mis-soltu, il-Qorti ma tistax tifhem kien *abseiling* ma' gholi ta' tlett sulari ma joffrix riskji inerenti u l-ghazla ta' *Notre Dame Ditch* zgur ma tassolvix lid-Dipartiment mill-obbligu li jaghmlu *risk assessment* u jiehu l-mizuri kollha biex jevitaw riskji inerenti.

“<u>Safety Apparatus</u>

“Dan igib il-Qorti ghall-konsiderazzjoni rigward l-uzu ta' *safety apparatus*. Gjaladarba l-ekwipagg kienu qed jintalbu li jiskartaw l-apparat normali taghhom biex juzaw dawn l-iSTOP, kien ikun f'waqtu,

anzi impellenti, li jittiehdu mizuri specjali biex jevitaw ir-riskju ta' waqa. Il-Qorti tifhem li dawn ma kienxu jinvolvu xi spejjez kbar, jew apparat ikkomplikat. Semplici *safety line* kien jevita dan kollu. L-abbli difensur tal-konvenuti tghid li dan hu ipotetiku – izda kemm Newell kif ukoll xhieda ohra tal-ekwipagg kienu konkordi li *safety line* kien jevita l-waqa'. L-istess japplika ghal uzu ta' *shunt*. Newell xehed "*Li kieku kien hemm safety line probabbilment l-incident kien jigi evitat ghaliex jekk taqa' jekk ma jzommokx l-ewwel habel izommok l-iehor"*. Hu qal l-istess japplika jekk jintuza *shunt* li tista' tintuza ma kull tip ta' apparat inkluz l-iSTOP. Qal li d- Dipartiment ma fornihomx b'*shunt*. Kull ma kellhom kien l-iSTOP li mbaghad ma giex introdott wara li sehh l-incident.

"Dwar dan il-konvenuti ssottomettew li l-ezercizzju kien fuq bazi volontarju u li ghalhekk l-attur ma kellu ebda obbligu mpost fuqu - "*partikolarment ta' apparat gdid <u>li inevitabbilment kien igorr mieghu element ta' riskju</u>*[16]"(enfasi tal-Qorti.) Wiehed jifhem ghalhekk li l-konvenuti stess jammettu li l-prova ta' apparat gdid jimporta riskju fih innifsu u dan, per konsegwenza, jghabbi lill-*employer*, f'dan il-kaz id-Dipartiment, b'piz akbar li jassigura s-sigurta` tal-impjegati tieghu.

"Kontrarjament ghat-tezi sottomessa mill-konvenuti, huwa min ihaddem li jassumi r-riskju u mhux min jahdem. Lanqas tifhem l-argument dwar il-volontarjeta' tal-ezercizzju. Huwa minnu li hadd ma gieghel lill-membri biex jipprovaw dan l-apparat, imma bhala membru ta' rescue team huwa mistenni li jiffamiljarizza ruhu mal-apparat kollu li d-Dipartiment bi hsiebu jintroduci ghall-ahjar success ta' operazzjonijiet ta' salvatagg. Il-fatt li accetta li jaghmel l-ezercitazzjoni huwa kommendabbli. Li kieku wiehed kellu jaccetta dan l-argument allura kull ezercizzju jsir b'mod volontarju bl-impjegat li jkollu hu jassumi r-riskju jekk xi haga tmur hazina. Dan zgur m'huwiex korrett u l-Ligi taghna certament ma tezonerax lil min ihaddem mill-obbligazzjonijiet legali tieghu.

"Inoltre l-Qorti mhix impressjonata bir-*rationing* ta' apparat li jirrizulta mill-provi. Bejn ekwipagg ta' 6 jew 7 min-nies kien hemm biss zewg *abseiling kits* li, huma stess huma delikati, izda jghaddu minn id ghall-ohra kemm waqt it-*training* kif ukoll waqt salavatagg reali. Dan zgur mhuwiex l-ottimu li wiehed jista' jilhaq specjalment meta dawn in-nies qed jirrinfaccjaw perikolu kbar kemm waqt it-training kif ukoll fuq xogholhom ta' kuljum. Kif qal Newell, hu irid joqghod b'dak li jtuh u qal ukoll li x'aktarx il-problema tal-apparat huwa wiehed tal-finanzi. Dan hu atteggjament tal-misthija u turija ta' nuqqas ta' rispett kbir lejn l-inkolumita' ta' dawn il-persuni li ghandhom ikollhom mohhom mistrieh li qed jahdmu f'ambjent li hu *safe*. Ghalhekk huwa obbligatorju fuq min ihaddem li jipprovdi *safety equipment*, f'dan il-kaz *safety line* u/jew *shunt* waqt it-*training* u kemm hu possibbli, waqt li jkun qed issir operazzjoni reali ta' salvatagg.

---

[16] Nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti.

“Minn imkien ma jirrizulta li l-attur kien negligenti, jew non kuranti. Ma kienx espert fl-*abseiling* (ara kummenti dwar il-membri tal-SAG *ante*) izda kien interessat f'materja ta' sikurezza tant li kellu l-apparat tieghu personali biex zgur jaccerta li jibqa' idoneu ghall-uzu. Kien is-superjur tieghu li rama ir-rigging tal-iSTOP izda ma kellu ebda tahrig fl-uzu tieghu qabel ma telaq ghall-isfel. Il-konvenuti jghidu li l-kaz kien infortunju. Il-Qorti ma taqbilx. Kienet ir-responsabbilta` ta' min ihaddem li jaccerta li l-mizuri ta' sikurezza kienu *in place*. Jekk wiehed imur jaqbez minn fuq is-sur, hu prevedibbli li jista' jaqa' u jenhtieg li jkun hemm *safety lines* jew *shunts* biex jekk ma jahdimx apparat jew habel, jahdem iehor. L-obbligu ta' min ihaddem hu kostanti - jibqa' kemm fuq il-post tat-tahrig kif ukoll waqt salvatagg attwali. Izda certament hu dejjem iktar facilment kontrollabbli waqt l-esercizzji ta' tahrig. Dan l-obbligu ma giex osservat mid-Dipartiment u l-Qorti qed izzomm lid-Dipartiment responsabbli ghall-akkadut.

“B'riferenza ghar-responsabbilta` ta' James Newell, dan kien impjegat hu wkoll u kellu jahdem "*b'dak li jtuh*." Da parti tieghu ma kellux dubbji li dak li ghamel, ghamlu sew, altrimenti din il-Qorti kienet izzommu responsabbli talli kien jiehu riskji bla bzonn. Mistoqsi jekk kienx jaf li seta' jigi evitat, li kieku kellu mezzi ohra ta' *safety* jekk kien ikun hemm incidenti seta jigi evitat, ghalfejn ipproceda bit-*training* dikinhar Newell wiegeb "*Ghax dejjem hekk kienet is-sistema li naghmlu training*." Hu ammetta li ma kienx mistharreg biex jaghmel training, u hawnhekk hemm nuqqas iehor da parti tad-Dipartiment li ghandu jittrenja lill-*instructors* anke fil-mezzi kollha li jistghu jintuzaw ghas-sikurezza tal-impjegati, imma certament ma jitfax tort fuq Newell li agixxa "*to the best of his knowledge and ability*."

“Jispetta lill-*employer* li jaghmel *risk assessment* tal-kondizzjonijiet ta' stharrig, zamma u uzu ta' apparat, u tal-esercizzji ta' tahrig, oltre l-*protocols* li jintuzaw f'operazzjoni ta' salvatagg fid-diversi cirkostanzi prevedibbli. Il-Qorti difficli tifhem kif semplici *safety line*, li lanqas kienet fl-inventarju tal-vettura tal-ekwipagg dakinhar tal-ezercizzju, ma tintuzax. Il-Qorti hi tal-fehma li Newell m'ghandux jinstab responsabbli personalment in kwantu li ma jerfax hu l-piz tar-responsabbilta` tad-Dipartiment f'dan l-akkadut.

“Damnum Emergens

“ii) Danni

“Damnum Emergens

“Bhala *Damnum Emergens* il-Qorti hi tal-fehma li l-attur ghandu jigi rimborsat tal-*overtime* li tilef ammontanti ghall-tmien mija u hmistax-il ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€815.28) (gja Lm350 -ara xhieda Joseph Bonnici a fol. 75 et seq.)

“Lucrum Cessans

"L-attur kellu 28 meta sehh l-incident u kellu paga annwali ta' Lm6,463.36 gross fis-sena 2002.

"Permezz tad-difensur tieghu talab li l-kumpens ghall-*lucrum cessans* jinhadem a bazi ta' *multiplier* ta' 37 sena, u cioe`:

"Lm538 (paga mensili) x 20%x12 -il xahar x37 = Lm47,774. "Talab ukoll li ma jkunx hemm tnaqqis ulterjuri minhabba t-trapass ta' zmien.

"Riferibbilment ghar-rata ta' dizabbilta', l-Qorti ser tistrieh fuq ir-rata misjuba mill-espert taghha li ezamina lill-attur wara l-konsulent ex parte u allura kkonstata b'iktar certezza il-gravita` tad-dizabbilta' li baqa' isofri. Dwar dan ukoll ma kienx hemm kuntrast da parti tal-konvenuti.

"Kalkolu ta' Danni ai fini tal-Lucrum Cessans

"Rigward dan il-punt, hu assodat fil-gurisprudenza taghna li l-principji stabbiliti fil-kawza ewlenija "Michael Butler vs Peter Christopher Heard" -A.C. dec. fit-22 ta' Dicembru 1967, li tat origini ghalhekk imsejha *multiplier system* gew aggustati ghaz-zminijiet aktar ricenti. (Ara ad es."Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et" - A.C. dec. fis-16 ta' Novembru 1983; "Savona v. Asphar": App. dec. fit-23 ta' Gunju 1952; "Emanuel Mizzi v. Carmel. Attard: dec fit-13.5.2003; u "Francis Sultana v. John Micallef et noe. et" - Appell: dec. fl-20.7.1994).

"Gie stabbilit ukoll li l-*multiplier* ghandu jibda jitqies minn dakinhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet il-griehi, (App.Civ. 16.11.1983 fil-kawza fl-ismijiet Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri) u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal ghal-likwidazzjoni tas-somma li ghandha tithallas bhala danni.

"Minbarra dan, il-bixra ta' hsieb wara sentenzi ta' dawn l-ahhar snin f'dan il-qasam qeghda xxaqleb lejn it-tnehhija ta' skemi rigidi li jistghu jfixklu l-ghoti ta' kumpens misthoqq u xieraq ghac-cirkostanzi. Wahda minn dawn l-izviluppi hija fil-massimu tal-*multiplier*, fejn ghal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbez l-ghoxrin (20). Ghar-ragunijiet li l-Qorti ghandha tfittex qabel kull haga ohra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun garrab hsara, u li terga' tqieghed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-incident, illum huwa accettat u approvat mill-oghla Qrati taghna li l-*multiplier* ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji.[17]

"L-ammont finali kkomputat fid-diskrezzjoni tal-Qorti ghandha thares lejn ic-chances and changes of life" - "Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace" (Q.A. tal-5 ta' Marzu, 1986)

---

[17] Ara ukoll. "Mary Bugeja nomine et vs George Agius nomine" - App. dec. fis- 26 ta' Lulju 1991; "Vincent Axisa vs Alfred Fenech et" (P. A. 16 ta' April 1991) Carmelo Camilleri vs Alfred Falzon" deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta'Mejju;

"U kif inghad mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Jannar 1973 fil-kawza Borg pro et noe vs Muscat:

"*L-iskop tal-hlas tad-danni huwa dak li terga' tpoggi lil min ikun soffrihom fil-posizzjoni daqs li kieku huwa ma gralu xejn*".

"Dwar it-tnaqqis ghal-*lump sum payment*, skont kriterju li gie elucidat u applikat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz "Jos Agius v All Services Ltd" (P.A.(TM) 1809/01 deciz fit-2 ta' Gunju 2005) "*f'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa ("lump sum payment") lill-beneficcjarji. Jekk id-decisjoni, pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-percentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal-Qrati, li jekk kawza iddum aktar minn sentejn, il-percentagg jonqos b'zewg punti ghall-kull sena ohra li l-kawza iddum biex tigi decisa.*"

"Fir-rigward tal-*lucrum cessans*, il-Qorti kkonsidrat li mir-rapport tal-Espert Mediku jirrizulta li l-attur ser ibaghti minn ugiegh b'kull moviment li jigbed fuq l-*iscar tissue*. Ma jistax jerfa' u l-movimenti kollha fid-dahar kienu neqsin u kellu jaghmel xoghol hafif fl-ufficcju, b'telf ta' opportunitajiet ghall-overtime, zidiet u possibbilment *promotions*. Il-hajja lavorattiva tieghu b'hekk giet effettwata negattivament apparti l-problemi li l-kondizzjoni tieghu tohloq ghalih fil-hajja normali tieghu ta' kuljum.

"Il-Qorti ser taccetta il-*multiplier* ta' 37-il sena, li tipprospetta hajja lavorattiva sa' 65 sena ghall-attur, li kellu 28 meta sehh l-incident. Ser taccetta ukoll ir-rata ta' dhul annwu ta' Lm6,463.36 (€15,055.57) bhala bazi tal-kalkoli taghha. *In visto* tat-trapass ta' zmien, u anke tal-fatt li d-dhul tieghu kellu jizdied fil-mori minhabba z-zidiet tal-gholi tal-hajja, fl-assenza ta' prova dwar dhul attwali, ser ikollha bil-fors toqghod fuq paga tas-sena 2002 bhala bazi.

"Ghal dawn il-motivi ser taccetta l-kalkolu tal-attur u tillikwida bhala kumpens ghal-*lucrum cessans* is-somma ta' mija u hdax-il elf, mitejn u tlieta u tmenin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€111,283.48) li ghandu jithallas lill-attur.

"Ghalhekk il-Qorti ser tillikwida il-kumpens dovut lill-attur skont is-segwenti:

| | |
|---|---|
| "Damnum Emergens | € 815.28 |
| "Lucrum Cessans | €111,283.48 |
| | €112,098.76" |

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut Direttur tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili tat-23 ta' Ottubru, 2013, li permezz tieghu, filwaqt li

ghamel referenza ghall-provi u s-sottomissjonijiet kollha mressqa minnu quddiem l-ewwel Qorti, u rriserva li jipproduci dawk il-provi l-ohra spettanti lilu skont il-ligi, talab li din il-Qorti tirrevoka u tannulla s-sentenza moghtija fl-ismijiet premessi mill-ewwel Qorti, fit-3 ta' Ottubru, 2013, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

Rat ir-riposta tal-appell tal-atturi konjugi Sammut, li permezz taghha talbu li din il-Qorti tikkonferma fis-shih is-sentenza appellata.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Ottubru, 2017, fejn wara li d-difensuri tal-partijiet itrattaw l-appell tad-Dipartiment konvenut, dan baqa' differit ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkonsidrat:

Illi l-kawza in ezami titratta incident fuq il-post tax-xoghol, meta l-attur appellat, impjegat mad-Dipartiment appellant, kien qieghed isegwi ezercizzju ta' tahrig fuq apparat gdid, izda spicca waqa' gholi ta' madwar tliet sulari, bil-konsegwenza li sofra debilità permanenti. L-attur appellat qieghed iressaq din il-kawza fil-konfront tad-Dipartiment peress li qieghed izommu responsabbli ghall-incident li sehh u ghad-danni li

sofra fuq il-persuna tieghu, filwaqt li d-Dipartiment fid-difiza tieghu, jichad kull responsabbiltà ghall-akkadut.

Tajjeb li jigi puntwalizzat, li safejn hadd m'appella fil-konfront tas-sentenza tal-ewwel Qorti, li lliberat lill-konvenut l-iehor James Newall fil-kapacità tieghu personali, mir-responsabbilità ghall-akkadut, illum dan il-punt jifforma gudikat.

L-appell tad-Dipartiment konvenut jissejjes fuq zewg aggravji principali: (i) dak dwar ir-responsabbilità ghall-incident; u (ii) dak dwar il-komputazzjoni tad-danni.

(i) Responsabbilità ghall-incident

Id-Dipartiment appellant jilmenta li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta kkonkludiet li huwa kien responsabbli ghall-incident peress li ghamlet interpretazzoni hazina tal-fatti peress li l-*istation officer* James Newell ha numru ta' prekawzjonijiet u ghamel *risk assessments* li ma gewx ikkunsidrati mill-ewwel Qorti. Jishqu wkoll li Newell ghalkemm ma kellux kwalifiki, kellu esperjenza ta' aktar minn dsatax-il sena warajh. Jghidu li kien nuqqas tal-appellat jekk ma kienx prezenti ghall-ispjegazzjoni moghtija u li kien in-nuqqas ta' hsieb jew zelu zejjed da parti tieghu li pprezenta ruhu qabel l-ohrajn. Izda apparti li Newell ikkonferma li meta

gie l-appellat biex jinzel, rega' spjegalu kif jahdem l-apparat, l-attur appellat zgur kellu dimostrazzjoni peress li Anthony Micallef nizel qablu u ghalhekk kellu joqghod attent jara sew x'ser jaghmel ta' qablu.

Id-Dipartiment appellant jinsisti li, kif wara kollox rilevat mill-ewwel Qorti, mill-provi ma jirrizultax li l-apparat kien difettuz, peress li Newell kien ipprovah xi darbtejn jew tlieta qabel l-incident u rega' uzah wara l-incident u dan minghajr problemi. Dan fil-fehma tieghu jfisser li, min kien qieghed juza l-apparat, li kien wiehed aktar specjalizzat minn dak tas-soltu, ghamel xi zball x'imkien. Aktar specifikatament jghidu li ghalkemm l-attur appellat seta' jipprova jzomm mal-habel, minflok, bi zball, baqa' jaghfas l-iSTOP, bil-konsegwenza li mhux talli ma waqfitx il-*free-fall,* talli l-girja ghal isfel haffiethielu. Ma jaqbilx mal-ewwel zewg xenarji imressqa mill-Qorti ta' dak li seta' gara, fis-sens li jew l-apparat ma hadimx kif suppost jew li ma giex armat kif suppost. Izda fil-fehma tad-Dipartiment appellant, huwa car li kien l-attur appellat li fil-fixla u l-paniku tal-mument, ma haddmux kif suppost, peress li l-persuna li uzat l-apparat immedjatament qablu dan ghamlitu minghajr problemi ta' xejn. Jishaq li l-apparat in kwistjoni kien jahdem bil-kuntrarju ta' dak li jsir is-soltu, fis-sens li aktar ma wiehed jaghfas, aktar jinzel malajr, mentri wiehed kellu jerhi l-iSTOP biex jieqaf (proprju sabiex wiehed ikollu idejh liberi waqt operazzjoni ta' salvatagg) u mhux jibqa' jzommha, kif jirrizulta li ghamel l-attur appellat mix-xhieda tieghu. Ghalhekk jinsisti li

ghalkemm kien kaz sfortunat, dan l-incident sehh minhabba negligenza da parti tal-attur appellat.

Ghalkemm id-Dipartiment appellant jikkoncedi li huwa minnu li min ihaddem ghandu certu dmirijiet li rreferiet ghalihom l-ewwel Qorti, izda dan m'ghandux ifisser li l-haddiema ghandhom ikunu traskurati b'mod li jzidu l-perikolu. Jerga' jimplika li seta' kien l-entuzjazmu zejjed tal-attur li qabad u pprova l-apparat minghajr ma ta wisq kaz ghall-istruzzjonijiet, li seta' ikkontribwixxa ghall-akkadut. Invoka l-Artikolu 1051 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta). Jghid li anke jekk ghall-grazzja tal-argument li kien hemm is-*safety lines,* il-probabiltà hija li l-incident kien jigri xorta, peress li ladarba ma qabadx mal-habel daqshekk vicin tieghu, cioè dak li kien niezel bih, ma kienx ser jaqbad ma' habel aktar imbieghed.

Id-Direttur appellant jishaq li m'hemmx ness bejn il-fatt dannuz u l-konsegwenza dannuza, peress li f'dan il-kaz ma kienx l-apparat il-kawza prossima tal-incident, izda l-uzu hazin li sar mill-apparat u mhux xi azzjoni jew omissjoni da parti tal-istess appellant. Jghid ukoll li dak li gara lill-attur appellat ma kienx prevedibbli, iktar u iktar meta l-apparat kien ghadu kif intuza ftit sekondi qabel, minn persuna ohra minghajr problema ta' xejn.

Fir-rigward ta' dan l-ewwel aggravju, ghandu jinghad mal-ewwel li, kif ribadit diversi drabi ohra, din il-Qorti bhala regola, ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti, jekk tara li dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Din il-Qorti ta' revizjoni tintervjeni biss jekk tirradika fiha l-fehma li l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti huwa manifestament zbaljat b'mod li jekk tibqa' tregi l-konkluzjoni bbazata fuqu tkun qed issir ingustizzja manifesta lejn xi parti. Hekk inghad fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-24 ta' Gunju, 2016, fil-kawza fl-ismijiet **Charles Azzopardi v. P.S. 201 Sandro Magro et,** fejn inghad ukoll:

> *"Ovvjament, "Din il-Qorti pero` f'kull kaz tapprezza wkoll li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif il-fatti inkwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja*." (Ara wkoll Attard et v. Direttur tas-Sahha, Qorti tal-Appell, 31 ta' Mejju 2014.)

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, meta din il-Qorti kkonsidrat il-provi in atti hija tal-opinjoni li tabilhaqq id-Dipartiment appellant naqas mill-obbligu tieghu li jipprovdi kundizzjonijiet fuq il-post tax-xoghol intizi biex jipprotegu s-sahha tal-haddiema tieghu. Huwa kellu jipprovdi mhux biss sistema ta' supervizjoni fuq il-haddiema u apparat ta' irbit protettiv intizi sabiex jigu evitati incidenti bhal ma gara fil-kaz odjern. Izda minn dak kollu li rrizulta f'din il-kawza, huwa evidenti li d-Dipartiment appellant naqas milli jipprovdi tahrig adegwat fuq apparat gdid u li jaghmel *risk*

*assessment* adattat jew evalwazzjoni serja tas-sitwazzjoni li fiha jkunu qed jitharrgu l-impjegati tieghu.

Kull min ihaddem ghandu jaghmel dan l-ezercizzju billi jottempera ruhu mad-dmirjiet generali li jadotta prekawzjonijiet xierqa bhala *bonus paterfamilias*, u ghalhekk, f'kull zmien u f'kull aspett li ghandu x'jaqsam max-xoghol, ghandu jaghmel dawk l-arrangamenti xierqa ghall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monitoragg u revizjoni kritika tal-mizuri preventivi u protettivi. Dan jinkludi li jigi kkonsidrat kemm in-natura tal-attivitajiet tax-xoghol billi tinghata l-informazzjoni u t-tahrig mehtieg skont il-ligi; li jara li jigi provdut post sigur fejn issir it-tahrig; li tinghata l-ghodda adegwata u l-lbies kollu prottettiv mehtieg; kif ukoll li tali ghodda hekk adattata tigi uzata u lbies attwalment uzat, b'dan li anke kieku jinghata l-lbies u l-apparat prottetiv kollu (li mhux il-kaz odjern), xorta wahda l-istess principal ghandu jara li l-apparat jigi effettivament uzat.

Ghalkemm m'hemmx dubju li l-ufficjal Newell kien ufficjali li kellu certu esperjenza, tant li ha dawk il-mizuri li fil-fehma tieghu kienu prekawzjonijet sabiex jigu evitati incidenti serji, bhalma qal li ghamlu tahrig f'post li kien gholi ta' tliet sulari minflok b'gholi ta' tmienja u li kien hemm haxix taht halli jnaqqas mill-impatt f'kaz li xi hadd jinzel hazin, u dan kif qalet l-ewwel Qorti "*to the best of his abilities*", madankollu jibqa' l-fatt li dan l-ufficjal qatt ma nghata tahrig huwa stess fuq l-apparat gdid

qabel ma ttanta jharreg lill-haddiehor! Dan fil-fehma ta' din il-Qorti huwa nuqqas kbir da parti tad-Dipartiment appellant, peress li wiehed ma jistax jikkwalifika ruhu sabiex jaghti tahrig billi huwa stess jipprova l-apparat darbtejn qabel ma jharreg lil haddiehor. Kunsidrat il-perikolu li dawn il-haddiema huma kontinwament rinfaccati bih, huwa al kwantu ovvju li jehtieg li l-ewwel jinghataw tahrig professjonali fir-rigward u dan sabiex l-istess Dipartiment ikollu ufficjali mharrga professjonalment, b'tali mod li meta rinfaccati bil-perikolu ikunu jistghu joffru l-ghajnuna taghhom lill-haddiehor u mhux jipperikolaw hajjithom bla bzonn.

Din il-Qorti ma tapprezza xejn il-kummenti maghmula mid-Dipartiment appellant meta jipprova jalloka r-responsabbilità tal-akkadut fuq iz-zelu zejjed tal-attur appellat, peress li tinsab certa li t-tip ta' xoghol bhalma ghandu l-attur appellat jehtieg certu kuragg u sens qawwi ta' responsabbilità li m'ghandhomx jitnaffru bl-ebda mod. Kwindi dan it-tip ta' xoghol jehtieg ir-rispett kollu da parti ta' minn ihaddem, rispett li jissaraf fil-qadi tad-dmirijiet ta' min ihaddem b'mod xieraq, li mhux biss li jipprovdi t-tahrig adegwat, f'ambjent adegwat, izda wkoll li jittiehdu l-prekawzjonijiet ta' sigurta` kollha mehtiega; nkluz li jsiru *risk assessments* idejalment minn entitajiet indipendenti u mhux mill-istess haddiema; li f'operazzjonijiet li jinvolvu l-*abseiling* jkun hemm prekawzjoni bazika bhal *safety line* jew *shunt* li, skont ix-xhieda tal-istess ufficjal Newell, kien probabbli li l-incident in kwistjoni kien jigi

evitat b'tali mizuri; li f'kaz ta' apparat specjalizzat (bhalma huwa deskritt l-iSTOP) jigi provdut tahrig specjalizzat u mhux bi prova mill-istess ufficjali li jpoggihom f'riskju bla bzonn.

Fin-nuqqas ta' stharrig proprju ta' x'wassal ghall-incident, u wara li qieset ix-xhieda tal-attur appellat, din il-Qorti hija propensa li taccetta t-tesi tad-Dipartiment appellant li l-incident sehh mhux minhabba xi difett fl-apparat jew nuqqas fl-armar tieghu, izda li l-attur fil-fixla tal-mument ma haddmux kif kien mehtieg. Izda dan ma jnaqqas xejn mir-responsabbilità tad-Dipartiment appellant kunsidrat in-nuqqasijiet kollha riskontrati u appena elenkati. Jinghad ukoll, li fil-fehma ta' din il-Qorti, l-akkadut kien ukoll prevedibbli, kunsidrat il-periklu inerenti li wiehed jixxabbat minn fuq sur b'gholi ta' tliet sulari, b'habel wiehed ghal inzul, minghajr ebda mizura ta' prevenzjoni kontra l-waqghat, bhal *safety line* fejn f'kaz li jfalli habel jew l-apparat, ikun hemm xi haga ohra li zzomm lill-haddiem milli jaqa' ghal isfel. Isegwi li jezisti in-ness car bejn in-nuqqas t'azzjoni xierqa da parti tad-Dipartiment appellant (li jipprovdi t-tahrig adegwat lill-haddiema, kif ukoll l-apparat ta' sigurtà essenzjali ghal dan it-tip ta' tahrig) u l-incident li halla lill-attur appellat b'dizabilità permanenti.

Kif kellha okkazzjoni tesprimi din il-Qorti, fil-kawza fl-ismijiet **Fenech et v. Chairman tal-Malta Drydocks et**, deciza fit-3 ta' Dicembru, 2010,

saru dawn l-osservazzjonijiet dwar ir-responsabbilita` ta' min ihaddem lejn l-impjegati tieghu:

> "*Dwar in-natura tad-dmir impost fuq min ihaddem, il-Qrati taghna ripetutament jinsistu fuq id-dmir ta' min ihaddem li jipprovdi 'a safe place of work', izda rari kienu jidhlu fil-kwistjoni jekk in-nuqqas ta' min ihaddem li hekk jipprovdi jkunx agir bi ksur ta' obbligu kontrattwali jew agir delitwali. Li hu zgur hu li l-Qrati dejjem jitkellmu fuq 'doveri' u 'obbligazzjonijiet' ta' min ihaddem, bhalikieku fuq dan hemm rabta kuntrattwali mal-haddiem li jipprotegieh. Fil-kawza Sultana v. Spiteri, deciza mill-allura Qorti tal-Kummerc fit-28 ta' Mejju 1979, gie osservat li min ihaddem ghandu d-dover li jara li l-post tax-xoghol ikun dejjem fi stat ragjonevoli ta' sigurezza ghal min ikun qed jahdem, obbligu specifiku u determinat li donnu johrog mill-isfera tal-kuncett ta' neminem laedere, involut fir-responsabbilta` taht delitt u kwazi-delitt. Il-Qrati taghna espandew fuq dan l-obbligu ta' min ihaddem, u jinsistu fuq id-dover tieghu li jipprovdi attrezzi u makkinarju sikur, post tax-xoghol nadif u hieles minn perikolu, stharrig u supervizjoni tal-haddiema, manutenzjoni regolari fuq kull bicca magna, u diversi obbligi relatati marbuta man-natura tax-xoghol (ara, per ezempju, il-kawza Galea v. Meilaq noe, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Gunju 2007). Intqal ukoll li huwa dmir ta' min ihaddem "to provide a safe system of work, and that in planning a system of work, the employer must take into account the fact that workmen become careless about risks involved in their daily work" – Borg v. Wells noe, deciza mill-allura Qorti tal-Kummerc fid-9 ta' Settembru 1981. Minn dan jidher li malli jigi iffirmat kuntratt ta' impieg bejn min ihaddem u l-haddiem, jitwieled f'tal-ewwel obbligu li jiehu hsieb l-inkolumita tal-haddiem, b'mod li dan l-obbligu jista' jitqies bhala parti mit-termini tal-istess kuntratt.*"

In kwantu ghall-element kontributorju da parti tal-attur appellat, l-appellant jinvoka l-Artikolu 1051 tal-Kodici Civili li jipprovdi li, jekk parti tbati hsara minhabba nuqqas ta' prudenza da parti taghha, li jikkontribwixxi ghall-hsara, il-qorti ghandha diskrezzjoni tiddeciedi f'liema proporzjon din tkun ikkontribwiet ghall-hsara li batiet, izda hawn ukoll din il-Qorti tara li d-Dipartiment appellant ma ghandux ragun. Hu veru li, f`xi cirkustanzi, n-negligenza ta` min iwegga titqies bhala kontribuzzjoni ghall-akkadut, u dan gie deciz li jsehh meta l-haddiem ikollu certa

esperjenza u ma kienx mistenni minnu dak l-agir (ara ezempju, il-kawza fl-ismijiet **Sciriha v O`Flaherty noe**, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-5 ta` Mejju, 1994), jew meta l-haddiem juri negligenza grassa, bhal meta jpoggi idu wara l-*guard* waqt li l-magna tkun ghaddejja (ara ezempju, il-kawza fl-ismijiet **Vassallo v. Charvin Press Company Limited**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta` Lulju, 2002). Izda fil-kaz in ezami, ma jistax jinghad li hemm xi element ta' kontributorjeta` min-naha tal-attur appellant f'dan ir-rigward li ghandu jeffetwa l-ezitu ta' din il-kawza, in kwantu mill-provi jirrizulta li la kellu tahrig adegwat, la esperjenza ladarba kien qieghed jigi adoperat apparat gdid u lanqas li wera negligenza grassa.

Isegwi li l-ewwel aggravju tad-Dipartiment appellant ma jimmeritax li jintlaqa' u ser jigi michud.

(ii) Komputazzjoni tad-Danni.

Imiss li jigi trattat it-tieni aggravju, dak relatat mal-komputazzjoni tad-danni, kemm id-*damnum emergens,* kif ukoll *il-lucrum cessans.* Fir-rigward tad-*damnum emergens,* id-Dipartiment appellant joggezzjona ghall-fatt li l-ewwel Qorti rrimborsat l-*overtime* lill-attur appellat meta l-*overtime* huwa fakoltattiv u ma tezisti ebda garanzija ghalih. Jiccita gurisprudenza fejn jinghad li dan huwa element incert li jvarja minn sena

ghall-ohra u ghalhekk ma kellu qatt jigi komputat fil-kalkoli tal-ewwel Qorti.

Dwar it-telf ta' *overtime* f'cirkostanzi simili, din il-Qorti fil-kaz ta' **Robert Camilleri v. Malta Shipbuilding Company Ltd** deciza fl-24 ta' Settembru 2004 qalet is-segwenti:

> "…*deher car li l-attur gie priv milli jippercepixxi l-istess ammont ta' hlasijiet ghal xoghol bis-sahra kif ukoll dawk l-"allowances" li l-haddiema fl-istess grad tieghu hadu f'dik is-sena partikolari. Kien mela telf attwali u ma kien hemm xejn azzardat u kienet ghalhekk korretta l-ewwel Qorti li talloka l-ammont in kwistjoni lill-attur bhala parti mill-quantum tad-danni dovut lilu in konsegwenza diretta ta' dan l-incident."*

Hekk ukoll f'dan il-kaz, mix-xhieda ta' Joseph Bonnici, rrizulta li fil-qasam tal-Protezzjoni Civili l-haddiema jkollhom saghtejn u nofs fil-gimgha *overtime* b'mod regolari. Huwa kkalkola l-*overtime* li hadu fl-istess sena ghaxar impjegati fl-istess grad tal-attur u hareg *average.* Wara li naqqas l-*overtime* percepit mill-attur fl-istess sena, rrizultat id-differenza ta' Lm350 jew €815.28. Isegwi li din il-Qorti ma tara ebda raguni l-ghala ghandha tvarja dan l-ammont likwidat mill-ewwel Qorti, in kwantu huwa ritenut gustifikat.

Punt iehor trattat taht dan l-aggravju da parti tad-Dipartiment appellant huwa li ghalkemm l-attur appellat kien inghata *light duties* fiz-zmien wara l-incident sabiex jevita l-istrapazz, illum il-gurnata qieghed jaghmel ix-xoghol ta' *fire fighter*, kif kien jaghmel qabel ma sehh l-incident.

Kwindi jargumenta li bit-trapass taz-zmien mid-data tal-incident, kien hemm zvilupp pozittiv li jimmerita revizjoni fil-persentagg li nghata, fir-rigward tad-dizabilità subita mill-attur appellat, peress li l-incident ma kkwazalux telf t'opportunitajiet jew problemi fil-hajja ta' kuljum kif imbassar mit-tobba. Id-Dipartiment appellant jorbot ma' dan l-ilment ukoll li l-*multiplier* adoperat mill-ewwel Qorti kien gholi wisq tant li huwa dubjuz kemm l-ewwel Qorti kkonsidrat ic-*chances and changes of life.* Jishaq li wiehed ma kellux iqis biss il-*life expectancy,* izda huwa necessarju li jitqies ukoll il-*life expectancy* professjonali ta' *fire fighter* li jinvolvi certu xoghol ta' strapazz.

Din il-Qorti ma tistax tadotta t-tezi tad-Dipartiment appellant f'dak li ghandu x'jaqsam il-persentagg ta' dizabilità mgarrab mill-attur appellat. Wara kollox l-espert mediku mahtur mill-ewwel Qorti certament qies il-kondizzjoni partikolari tal-attur appellat, u d-Dipartiment appellant la ghamel eskussjoni tal-perit mediku sabiex jipprova jislet konferma tal-ipotesi tieghu u lanqas talab il-hatra ta' periti addizzjonali. Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi ghandha toqghod fuq il-konkluzjoni tal-espert mediku mahtur mill-ewwel Qorti, wara ezami tal-kaz partikolari, fejn wasal ghal persentagg ta' 20 %.

F'dak li ghandu x'jaqam il-*multiplier,* din il-Qorti ssib li l-argument tad-Dipartiment appellant li kellu jigi adoperat *multiplier* izghar sabiex

jaghmel tajjeb ghall-kuncett ta' *chances and changes of life*, ghandu mis-sewwa. Kif kellha okkazjoni din il-Qorti tikkumenta fir-rigward tal-*multiplier* f'diversi okkazjonijiet ohra, normalment f'kazijiet bhal dawn m'ghandux isir semplici tnaqqis bejn l-età tal-irtirar, u l-età tal-persuna fil-mument ta' l-incident, kif donnha ghamlet l-ewwel Qorti, izda l-*multiplier* irid jinkorpora go fih dak l-element ta' *chances and changes of life or vicissitudes of life*. Il-kuncett ta' *chances and changes of life*, gie introdott biex proprju jiggustifika temperament fil-komputazzjoni tad-danni a bazi tal-principju li hadd ma jaf il-futur u, ghalkemm persuna tista' tghix sa eta` avvanzata, il-hajja tghallimna mod iehor. Isegwi li l-*working life expectancy* m'ghandux ikun ikkunsidrat kollu ghal fissazzjoni tal-*multiplier*. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti, fil-kawza fl-ismijiet **Gauci v. Bugeja**, deciza fis-27 ta Novembru, 2009.)

F'dan is-sens ukoll, fis-sentenza ta' din il-Qorti, fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Turner et v. Francis Agius et** deciza fit-28 ta' Novembru 2003, fejn inghad hekk:

> *"In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income."* (The Law of Tort - W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. P.228)

Inghatat ukoll is-segwenti definizzjoni fir-rigward tal-*multiplier:*

> *"A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost*

> *earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases." (Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law 6th Edit, 1999, pag.122).*

Kif tghid l-awtrici Vivienne Harpwood fil-ktieb "Modern Tort Law" (ediz. 2009, pagna 438):

> *"Deductions may also be made by adjusting the multiplier downwards to allow for certain future contingencies. In an attempt to assess the appropriate sum which should be awarded for loss of future earnings, the courts gaze into the imaginary crystall ball, and try to make the award in the light of what might have been the claimant's future*."

Fis-sentenza recenti ta' din il-Qorti citata qabel (**Azzopardi v. Magro et** deciza fl-24 ta' Gunju, 2016), inghad ukoll illi:

> "*F'dan il-kaz ukoll ikun xieraq, illi konsidrat l-eta` tal-attur fil-mument tal-incident, ghandu jittiehed kont tal-incertezza ta' chances and changes of life u ghalkemm huwa kellu aspettativa ta' hajja lavorattiva ta' 30 sena, wiehed ghandu jqies l-incertezza li toffri l-hajja fir-rigward. Il-multiplier mhux massima ta' mizura ta' kalkolu awtomatiku u rigidu imma ghandu jippermetti temperament anke jekk marginali, fil-kaz fejn l-aspettativa hija fit-tul u l-incertezza ferm akbar. Il-multiplier ghandu jigi applikat sabiex ikun stabbilit bilanc bejn id-dritt tal-parti leza u l-obbligu tal-obbligat. Mhux il-kaz li wiehed jadoperah bhal li kieku hemm xi certezza dwar ghexieren ta' snin futuri, ghax dan huwa kamp fejn ghandha tregi l-moderazzjoni*."

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, din il-Qorti ghalkemm hija ben konxja tal-fatt li l-hajja lavorattiva qeghda dejjem tizdied, izda, min-naha l-ohra, meta tikkonsidra l-element tac-*chances and changes in life*, li minn dejjem gie kkonsidrat bhala parti integrali mill-komputazzjoni tal-hsara, tara li multiplier ta' 28 ikun wiehed aktar gust u ekwu.

Fir-rigward tal-ilment tad-Dipartiment appellant dwar in-nuqqas tal-ewwel Qorti li tadopera *lump sum reduction,* din il-Qorti ma tqisx dan l-ilment bhala wiehed gustifikat kunsidrat it-trapass taz-zmien bejn id-data meta nfethu l-proceduri odjerni fl-2005 u d-data li fiha din il-kawza qeghda tigi finalment deciza, permezz ta' din is-sentenza.

Ghalhekk it-tieni aggravju tad-Dipartiment appellant qieghed jintlaqa' parzjalment billi qeghda ssir revizjoni fil-komputazzjoni tad-danni likwidati f'dak li ghandu x'jaqsam mal-*lucrum cessans,* sabiex b'hekk ghandhom jinhadmu kif gej: €15,055.57 x 28 sena x 20% = €84,311.19

Ma' dan l-ammont ta' €84,311.19, ghandhom jizdiedu €815.28 rapprezentanti d-*damnum emergens* rizultanti mill-provi konsistenti f'telf ta' *overtime* li tilef l-attur appellat fis-sena 2002, sabiex b'hekk it-total ta' danni pagabbli lill-attur huma ta' €85,126.47.

Ghaldaqstant, din il-Qorti, ghal dawn ir-ragunijiet, tiddisponi mill-appell tad-Dipartiment konvenut billi tilqghu *in parte*, kif spjegat:

(1) Tikkonferma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet premessi, tat-3 ta' Ottubru, 2013, fejn laqghet it-talbiet attrici u sabet lid-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili unikament responsabbli ghall-incident soffert mill-attur mertu ta' din il-kawza;

(2) Tirriforma dik il-parti tas-sentenza fejn gew likwidati d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' mija u tnax-il elf u tmienja u disghin ewro u sitta

u sebghin centezmu (€112,098.76) u fejn gie kkundannat ihallas lill-atturi dik is-somma; b'dan illi minflok tillikwida u tikkundanna lill-istess Dipartiment, sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' hamsa u tmenin elf mija u sitta u ghoxrin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€85,126.47), u tikkonfermaha fil-bqija;

B'dan illi l-imghax jibda jiddekorri mit-3 ta' Ottubru, 2013, data tal-ewwel sentenza.

L-ispejjez kollha tal-kawza kemm tal-prim'istanza, kif ukoll ta' dan l-appell, ghandhom jithallsu mill-konvenut Direttur tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df